MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 28/2010

**Joseph Cachia
I.D. 494966(M)**

**vs**

**Joseph Pace u Louis Scicluna
I.D. 384735(M) u I.D. 663257(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur Joseph Cachia, kien impjegat mill-istabbiliment '***Magic Kiosk***' li kien jinsab fi Pjazza Sant'Anna, tas-Sliema, ghal numru at' snien.

Illi l-kreditur kien jaf bhala s-sid lil certu wiehed Joseph Pace, K.I. 384735(M), imma l-formoli tal-***FS3*** tieghu kienu jigu ffirmati minn certu Louis Sultant, K.I. 66325(M) (skond id-dokumenti annessi ma' l-avviz at' talba market bhala Dok A).

Illi l-kreditur diga' beda proceduri kontra l-imsemmija Joseph Pace u Louis Scicluna permezz at' mandat kawtelatorju mahrug kontrihom mill-Onoreboli Prim Awla tal-Qorti Civil fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Dicembru, tal-elfejn u disgha (2009), numru elfin, mija u ghoxrin tal-elfejn u disgha (**2120/09**).

Illi hekk kif konfermat minn dokumenti mahruga mid-Dipartiment dwar ir-Revizzjonijiet Industrijali u l-Impjigi, l-attur ghandu jiehu minghand Joseph Pace u/jew Louis Scicluna is-somma ta' elfejn, tmien mija u disgha u sittin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€2869.32) rapprezentanti pagi, somom relattivi ghal '***notice***' ***, 'vacation leave' u 'bonuses'*** (skond id-dokumenti annessi ma' l-avviz at' talba market bhala Dok B).

Ghaldaqstant il-kreditur qieghed umilment jitlob lil dan l-Onoreboli Tribunal li:

1. Jaqta' u jiddecidi illi Joseph Pace u/jew Louis Scicluna ghandhom jaghtu lill-attur is-somma ta' elfejn, tmien mija u disgha u sittin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€2869.32).
2. Jordna lil Joseph Pace u/jew Louis Scicluna ihallsu l-ammont dovut lill-attur.

Dan that dawk il-proceduri kollha li dan l-Onorabli Tribunal jidhirlu xierqa u opportuni bl-ispejjez u l-imghax kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu is-somma ta' elfejn, tmien mija u disgha u sittin Ewro u tnejn u tletin centezmu

(€2869.32), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------